


# 'ĦELU BAMBIN'

## Album ġdid b'21 diska tal-Milied minn kantanti stabbiliti

**Noel D'Anastas**
ndanastas@gmail.com

Fr George Ocar Buttigieg hu Patri Franġiskan Konventwali li l-mużika għalih tfisser parti sostanzjali minn ħajtu. "Minn dejjem, apparti li qabel ma dħalt il-Kunvent kelli diġà esperjenzi fiha, dik ta' DJ il-Grotta, Għawdex, kantant, kantawtur ukoll u issa li qed naħdem fl-għalqa tal-Mulej" jistqarr dan il-patri kariżmatiku. Propju għal dan il-Milied qed iniedi album tal-Milied – *'Ħelu Bambin'*.

L-album jiġbor fih 21 kanzunetta bis-sehem ta' bosta kantanti stabbiliti mix-xena lokali, bi kliem u produzzjoni tiegħu stess u b'arranġamenti mużikali ta' Andrew Zammit u Dr John Galea. Fih qed ilaqqa' whud mill-aqwa kantanti magħrufa Maltin li flimkien qed iwasslu messaġġ denju b'għajnuna lid-Dar tal-Providenza.

Matul dawn l-aħħar snin, Fr George Ocar kien involut f'diversi proġetti mużikali, fosthom *Shah fil-Fidi*, l-Innu għall-Jum Dinji taż-Żgħażagħ 2011 flimkien mal-KDŻ, kantata minn Thea Garret li mbagħad ġiet esebita f'Madrid ukoll miż-żgħażagħ mal-Papa. Kiteb *Familja Fjur*, kanzunetta f'forma ta' talba għall-familja li saret għall-Festa Familja tal-istess sena kantata minn diversi kantanti stabbiliti Maltin.

Għall-Jum Dinji taż-Żgħażagħ 2013 li nżamm f'Rio, kiteb *Tama ta' Għodwa* kantata minn diversi kantanti żgħażagħ Maltin. Din tkantat ukoll fil-Brażil fil-preżenza tal-Papa flimkien ma' tliet miljun żgħażagħ. Fr George Ocar għamel kanzunetta innu ta' tifkira, *Dija tad-Dinja*, biex tfakkar il-100 anniversarju tal-Kungress Ewkaristiku Internazzjonali li kien sar f'Malta fl-1913.

### L-istorja ta' 'Ħelu Bambin'

Din tmur għall-Milied tal-2011 meta kienet inħarġet is-*single Ħelu Bambin* bi kliem ta' Fr George Ocar u mużika ta' Andrew Zammit, kantata minn Chiara u Ludwig Galea. Kien hemm żewġ verżjonijiet, dik oriġinali u *remix*. Kellha wkoll *video* jakkumpanjaha maħdum minn Angie Laus u Charles Ahar mill-*We Media.*

Fr George Ocar jgħid li kienet suċċess istantanju u bla mistenni! Is-sena l-oħra tnediet *single* oħra, *Twieled is-Sultan*, miktuba minn dan il-patri b'mużika ta' Andrew Zammit li kanta wkoll din is-*song*.

Fr George jistqarr hekk: "Dan kollu ġie rikonoxxut mill-Provinċjal tiegħi, Patri Alfred Calleja OFM Conv, jiġifieri mheġġeġ kif ukoll approvat minnu. Ġie aċċetatt ukoll minn Andrew Zammit għat-*Tone Studios*, illi jirrekordja u jirranġa mużikalment kollox hu. Ġie aċċettat ukoll minn Fr Martin Micallef, id-Direttur tad-Dar tal-Providenza, li kull qligħ ta' dan il-proġett se jmur għal dawn ħutna residenti fid-dar; u fl-aħħar u żgur mhux l-inqas, il-kantanti, li aċċettaw bla ħlas."

Mistoqsi dwar x'wassal biex ħareġ dan is-CD huwa jsostni li kienu bosta l-fatturi li wassluh għal dan, ġejjin minn ċkunitu, fejn trabba f'familja kattolika u li tħobb il-Milied. "Fattur ieħor kien il-fatt li sentejn ilu l-kanzunetta, *Ħelu Bambin* kisbet dak li aħna ħadd minna ma biss qatt ħaseb u allura ma ridniex li din il-kanzunetta tibqa' hekk waħidha, iżda ssir ġabra akbar intensiva ta' kanzunetti oħra f'album wieħed."

Jgħid li bosta kienu d-diffikultajiet li sab. "Li taqleb 18-il kanzunetta mil-lingwa oriġinali għall-Malti mhux faċli, anzi, nista' ngħid pubblikament li ili sa mill-1999 li naf li bdejt naqleb għall-Malti… jibqa' l-fatt ukoll li biex taqleb kanzunetta ssib bosta diffikultajiet u sfidi quddiemek, fuq liema bażi se tqiegħed is-sens kollu tagħha, dak oriġinali jew ieħor, x'messaġġ trid twassal, u xi kliem se tuża biex tagħmel dan kollu; diffiċli ħafna aktar milli taħseb!"

Fr George Ocar jibqa' jgħożż il-mumenti sbieħ waqt il-jiem shah ta' *recordings* fit-*Tone Studios* – "Ma' Andrew Zammit żgur li ma tiqafx tidħaq! Mumenti sbieħ li tiltaqa' ma' nies li tkun ilek snin kbar ma tarahom u tinduna li issa xjaħna wkoll!"

## IL-KANZUNETTI:

*Ħelu Bambin* – Chiara u Ludwig Galea
*Hena lill-Art* – Chorus Urbanus
*Dlin Dlon Għalenija Far* – Debbie Scerri
*Aħna Tliet Rejiet* – Janvil, Mike Spiteri, Victorio
*O Bxara ta' Mħabba, Hena u Għors* – Georgina
*O Ċkejkna Belt Ta' Betlehem* – Ivan Grech
*Tfajjel Fqir* – Richard Edwards u Michelle Mifsud
*O Siġra tal-Milied* – Charlott, Luisana u Nadine Bartolo
*Għanja tal-Qniepen* – Chorus Urbanus
*Qniepen Ġmiel* – Miriam Christine
*Qiegħed Tisma' Bħali?* – Enzo u Carmen Gusman
*O Lejl Divin* – Morena
*Milied Hlejju* – Mary Spiteri
*Tifkira tal-Milied* – Paul Giordimaina
*Lilek Dal-Milied Ċkejken Mill-Isbaħ* – Corazon
*Huwa l-Ogħla Għaxqa taż-Żmien tul is-Snin* – Eleanor Cassar
*Bin Marija Ġesù Bambin* – Renato
*Doqqu Qniepen* – Deborah C
*Xewqat ta' Milied it-Tajjeb* – Charles Dalli
*Twieled is-Sultan* – Andrew Zammit
*Ninni La Tibkix Iżjed*

## IT-TNEDIJA U L-KUNĊERT

Nhar it-Tlieta li ġej, 10 ta' Diċembru, fl-Istitut Kattoliku fil-Furjana waqt kunċert kbir se titnieda uffiċjalment is-CD *Ħelu Bambin* bis-sehem tal-kantanti kollha li rrekordjaw dan l-album.

Il-kunċert li se jibda fit-8 p.m. u se jkun preżentat minn Angie Laus, preżentatriċi ta' TVM tal-programm popolari *Ħadd Għalik.* Dan se jkun imxandar mill-RTK u minn Smash TV. Id-dħul għal dan il-kunċert hu b'xejn iżda wieħed irid jibbukkja l-biljetti minn qabel. Għal aktar tagħrif wieħed jista' jċempel 99498316.

Dan is-CD ma jinsabx għall-bejgħ mill-ħwienet tad-diski iżda mir-Radios tal-Knisja, mill-Kunventi tal-Patrijiet Franġiskani Konventwali u mid-Dar tal-Providenza biss.

D CLUB fashion
Authorised dealers for RINASCIMENTO - Italy. D CLUB is a new fashion shop in Naxxar. Latest ITALIAN fashion brought to you from the very North of Italy.



21st September Ave, Naxxar.
T: 00356 2742 1440

Find us on facebook. Rinascimento @ D CLUB Fashion- 21st September ave., NAXXAR